32006D0365

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Mejju 2006

dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika tal-Ftehim dwar Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera min-naħa l-oħra

(2006/365/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 170 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu, u l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunitajiet, Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika mal-Konfederazzjoni Svizzera, li jipprovdi wkoll għall-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim imġedded.

(2) Il-Ftehim ġie ffirmat mir-rappreżentanti tal-Partijiet fis-16 ta' Jannar 2004 fi Brussel, u ġie applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2004, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi konkluż b'tali mod li l-lingwi ta' l-Istati Membri kollha jkunu awtentiċi. Dan għandu jsir permezz ta' skambju ta' ittri.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunita' Ewropea u l-Komunita' Ewropea għall-Enerġija Atomika, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera min-naħa l-oħra qed b' dan jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika [2].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-President tal-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, għandhom jagħmlu n-notifika prevista fl-Artikolu 14 tal-Ftehim u għandhom ikunu awtorizzati japprovaw flimkien mal-Konfederazzjoni Svizzera, permezz ta' skambju ta' ittri, li t-test tal-Ftehim huwa awtentiku fil-lingwi kollha ta' l-Istati Membri wara t-tkabbir ta' l-1 ta' Mejju 2004.

Magħmul fi Brussell, nhar il-15 ta' Mejju 2006.

Għall-Kunsill	*Għall-Kummissjoni*
Il-President	*Il-President*
U. PLASSNIK	José Manuel BARROSO

[1] Opinjoni mogħtija fit-13 ta' Diċembru 2005 (għadha ma ġietx pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] Għat-test tal-Ftehim ara ĠU L 32, 5.2.2004, p. 23.